MISSION FUND

**No. 107 Settembru 2013 - Novembru 2013**

NEWSPAPER POST



# IL-MISSJUNARJU

EDITORIAL

Għeżież Membri u Ko-operaturi,

## IL-MISSJONI TIEGĦI F'HOLA, IL-KENJA

Kien fl-1975 meta bdejt il-missjoni tiegħi f'Ħola, raħal ta' madwar 36,000 ruħ, fejn għadni naħdem hemm sal-lum. Ftit kont naf x'ser insib meta nasal hemm, imma mort hemm b'kuraġġ li ngħin lin-nies mill-aħjar li nista. F'Hola hemm żewġ tribujiet: dawk tat-tribu Orma li huma ragħajja li jrabbu ftit baqar u mogħoż u dawk tat-tribu Pokomo li jaħdmu l-għelieqi tagħhom matul ix-xmara Tana.Din ix-xmara hija l-unika sors ta' ilma li hemm fl-inħawi peress li x-xita hija skarsa. Dan iġib nuqqas ta' ikel u allura kemm il-bdiewa kif ukoll ir-ragħajja jbatu ħafna.It-tribu Orma huma kollha musulmani,filwaqt li l-maġġoranza tat-tribu Pokomo huma nsara, li minnhom madwar 3,000 huma kattoliċi. Is-sena l-oħra kellna madwar 100 tarbija u 20 persuna adulta għall-Magħmudija, 75 tfal għall-Ewwel Tqarbina u 70 għall-Griżma tal-Isqof.

Il-kattoliċi jgħixu f'disa' rħula differenti. Aħna kull ġimgħa nżuru dawn l-irħula fejn nagħmlu katekiżi lill-irġiel, in-nisa u ż-żgħażagħ. F'kull raħal hemm komunitajiet żgħar li huma magħmula minn gruppi ta' familji biex flimkien jippruvaw jgħixu r-reliġjon bħala grupp. Huma jgħallmu d-duttrina lit-tfal tagħhom għall-Ewwel Tqarbina kif ukoll għall-Griżma tal-Isqof. Meta jkun hemm xi adulti li jixtiequ jissieħbu fil-Knisja Kattolika, huma wkoll jippreparawhom għall-Magħmudija. Aħna norganizzaw seminars għall-*leaders* ta' dawn il-komunitajiet żgħar, kif ukoll għaż-żgħażagħ u l-katekisti.

F'April ta' din is-sena kellna l-ordinazzjoni ta' tlett ġuvintur li saru djakni. L-ordinazzjoni saret mill-Isqof Mons Paul Darmanin u wara kellna festa sabiħa fil-parroċċa. Xi xhur wara, dawn id-djakni ġew ordnati saċerdoti mill-Isqof Awżiljarju Mons Joe Alessandro. In-nies jieħdu pjaċir ħafna b'okkażjonijiet bħal dawn għax din tkun ġurnata ta' festa għall-parroċċa kollha.

F'Hola għandna ħafna proġetti. Proġett importanti ħafna għall-bdiewa kien meta, permezz ta' pompi li jaħdmu bix-xemx, irnexxielna ngħinuhom biex itellgħu l-ilma fl-għelieqi tagħhom. Proġett ieħor simili sar permezz ta' pompi li jaħdmu bil-petrol.B'hekk il-bdiewa setgħu jkabbru ħafna ħxejjex, li miż-żejjed li kien ikollhom kienu jbigħuh biex ikunu jistgħu jixtru l-affarijiet neċessarji għall-ħajja bħal ħwejjeġ u sapun. Għandna ukoll proġett tal-edukazzjoni fejn inħallsu uniformijiet u kotba għat-tfal li jmorru l-iskola primarja, kif ukoll il-miżati għall-iskola sekondarja. Aħna nemmnu ħafna fl-edukazzjoni għax din hija l-bidu ta' kull żvilupp. Irnexxielna nibnu skola primarja fil-kumpless tagħna li fiha jitgħallmu ħafna tfal kemm subien kif ukoll bniet minn reliġjonijiet differenti.

Minn xi snin ilu l'hawn it-tribujiet Orma u Pokomo bdew jiġġieldu bejniethom minħabba l-ilma u l-art. Dawn iż-żewġ riżorsi huma skarsi ħafna. Dan il-ġlied wassal għal ħafna mwiet miż-żewġ tribujiet. Il-post sar perikoluż ħafna u bosta rħula ġew mdawwra bix-xewk biex ikollhom ftit protezzjoni mit-tribu l-ieħor. Għalhekk ħsibna li nibnu ċentru ta' rikonċiljazzjoni biex nippromovu l-paċi u r-rikonċiljazzjoni f'dan il-post. Dan iċ-ċentru se jipprovdi ambjent fejn iż-żewġ naħat jkunu jistgħu jitkellmu u jirranġaw id-differenzi ta' bejniethom fi spirtu ta' paċi biex

Address: Eureka Court, Block A Flat 6, Main Street, Mosta MST 1018 • Opening Hours: Mon. - Fri. 9am - 1pm
Tel/Fax: (+356) 2141 3664 – 24hr Answering Machine Service • Website: www.missionfund.org.mt • E-mail: missionfund@global.net.mt
Il-**Mission Fund** hija reġistrata bħala organizzazzjoni filantropika skont l-Att ta' l-2007 dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji - Reg. No. VO/0015

flimkien jitgħallmu jgħixu u jaqsmu bejniethom ir-riżorsi naturali tal-post. Dan iċ-ċentru se jiġi jiswa ħafna flus, imma aħna dejjem emminna fil-Providenza tal-Mulej u fil-ġenerożita tagħkom.

Jien nirringrazzja l-Mission Fund tal-għajnuna kontinwa tagħhom. Permezz ta' din l-għajnuna, il-missjunarju jkun jista' jaħdem biex itaffi t-tbatija ta' ħafna nies foqra.

**Fr Joe Galea OFM Cap.**
**Hola, Kenja**

---

**DONAZZJONIJIET ONLINE:**

Issa tista' tagħti d-donazzjonijiet tiegħek lill-Mission Fund direttament minn fuq il-*website* tagħna www.missionfund.org.mt fil-kumdita' tiegħek mid-dar. Żur dan is-sit elettroniku u għafas il-link "*Make a donation*". Tista' tuża cards bhal; VISA, Mastercard, BOV Cashlink, APS Premier u HSBC Quickcash. Jekk tippreferi tista' wkoll tagħmel trasferiment bankarju dirett f'wieħed minn dawn il-kontijiet:

* BOV: 163 007 980 19 * HSBC: 061 197 448 050 * APS: 200 008 207 62 *BANIF: 000 879 63101

**Aħjar Donazzjoni minflok Souvenir:**

*Qed inniedu din l-iskema fuq suġġerimenti ta' persuni li diġa offrew donazzjoni lill-Mission Fund fl-okkazjoni tat-tieġ tagħhom, minflok li taw souvenir lill-mistednin.*

*Il-Mission Fund għandha għażla ta' kartolini bil-kliem 'Grazzi'*
*kif ukoll 'bookmarks' li jistgħu jingħataw minflok is-souvenir.*

*Tistgħu iżżidu l-ferħ tagħkom f'din l-okkazjoni sabiħa billi toffru tama lill-persuni fil-bżonn.*
*Kull min hu interessat għandu jċemplilna l-uffiċċju 21413664 jew 99262626 għal aktar informazzjoni.*

**GRAND LOTTERY 2013:** Il-lotterija telgħet nhar il-Ħadd 25 t'Awissu, 2013. L-ewwel premju: numru 73529, M'Rose Magri minn Ħaż-Żabbar (Television Toshiba LCD 32"). It-Tieni premju: numru 138852, A. Attard mix-Xagħra, Għawdex (Vestel Auto W/Machine). It-Tielet premju: numru 144272, M. Mallia mill-Kalkara (One4All Gift Voucher ta' €100). Ir-raba' premju: numru 014936, C.J. Zahra mill-Imsida (Convection Oven). Il-lotterija ħalliet qliegħ ta' aktar minn €12,100 b'risq il-missjunarji Maltin u Għawdxin f'pajjiżi tat-Tielet Dinja.

**TOP UP CARDS:** Sakemm nerġgħu navżaw, nitolbukom biex MA TIBGĦATUX aktar mobile phones top-up cards. Minflok tistgħu tibgħatuhom lill-Patrijiet Kapuċċini, il-Florjana.

**BEJGĦ TAT-TELECARDS:** Għandna għal bejgħ ammont konsiderevoli ta' telecards ta' Malta u ta' barra. Kull min hu interessat għandu jċemplilna l-uffiċċju għal aktar informazzjoni.

**IRĊEVUTI FISKALI TAL-VAT:** Inħeġġukom li tibqgħu tagħtuna l-irċevuti (MHUX IMMARKATI) fil-bidu tax-xahar (MHUX AKTAR TARD MILL-EWWEL ĠIMGĦA) biex aħna nkunu nistgħu nimmarkawhom u nibagħtuhom lid-Dipartiment tal-VAT, f'isem il-Mission Fund, fil-ħin u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjunarji.

**DONAZZJONIJIET MOGĦTIJA LILL-MISSJUNARJI BEJN JANNAR U AWWISSU 2013**

*Ingħataw 1,500 euro lil dawn il-missjunarji:*

1) Fr. John Xerri (BRAZIL)
2) Fr.Victor Zammit (PERU`)
3) Sr, Marie Ant. Agius (ISRAEL)
4) Mr David Dye (ALBANIA)
5) Rev. Msg. Joseph Agius (BRAZIL)
6) Sr. Emanuel Borg (INDIA)
7) Ms. Rita Refalo (LATVIA)
8) Sr. Doris Spiteri (TUNESIA)
9) Fr. Luqa Azzopardi (BRAZIL)
10) Mr. James Borg (PAKISTAN)
11) Fr Giov. Cefai (PERU`)
12) Sr. Liliana Borg (PAKISTAN)
13) Sr. Mary Abdilla (ISRAEL)
14) Sr. Loretta Xerri (PAKISTAN)
15) Sr. Antonia Sammut (EGYPT)
16) Sr. Giov. Antida Vella (ISRAEL)
17) Sr. Maria Esther Attard (PHILIPPINES)
18) Bro. Anthony Baldacchino (BRAZIL)
19) Fr. Hilary Abela (KENYA)
20) Ms. Rose Mallia (COLOMBIA)
21) Sr. Valerie Borg (JERUSALEM)
22) Sr. Carmen Cachia (BRAZIL)
23) Sr. M'Rose Agius (BRAZIL)
24) Sr. Francis Farrugia (PAKISTAN)
25) Sr. Mary Carmen Busuttil (EGYPT)
26) Sr. Ilaria Schiavone (PAKISTAN)
27) Sr. Mary Cini (PHILIPPINES)
28) Fr. Alberto Gauci (HONDURAS)
29) Fr. Alex Cauchi (BRAZIL)
30) Fr. Alfredo Mercieca (MALAWI)
31) Fr. John Farrugia (PAKISTAN)
32) Fr. Richard Ebejer (NIGERIA)
33) Fr. Joseph Galea (KENYA)
34) Sr. M'Grazia Farrugia (ZIMBABWE)
35) Sr. Marianne Farrugia (PHILIPPINES)

*****

1. Mons. Jos. Spiteri (SRI LANKA) - €3,000
2. Mons George Frendo (ALBANIA) - €4,000
3. Mons S. Magro (LIBYA) - €4,000
4. Mons. Emm. Barbara (KENYA) - €1,200 (*Bursery*)

*Ingħataw 2,000 euro lil dawn il-missjunarji:*

1) Sr. Maria Grech (ISRAEL)
2) Sr. Sandra Cassar (KENYA)
3) Fr. Ivan Attard (ALBANIA)
4) Sr. Serafina Grima (INDIA)
5) Sr. Gaetana Bonello (INDIA)
6) Sr. Rita Theuma (INDIA)
7) Mr. Carmel Camilleri (ALBANIA)
8) Mr. Hector Pickard (PERU`)
9) Sr. Natalie Abela (PAKISTAN)
10) Sr. Carmen Farrugia (ISRAEL)
11) Sr. Eufemia Buhagiar (PARAGUAY)
12) Sr. Marie Bern Aquilina (EGYPT)
13) Ms. Maris Camilleri (PERU`)
14) Sr. Vincenza Vella (TUNESIA)
15) Sr. Mary Zarb (ALGERIA)
16) Sr. Concetta Dimech (TUNESIA)
17) Fr. Joe Camilleri (GUATEMALA)
18) Sr. Maria Grech (CAMEROON)
19) Sr. Anne Savona (ISRAEL)
20) Bro. Carmel Muscat (INDIA)
21) Fr. Victor Livori (PERU`)
22) Fr. Emm. Parnis (PERU`)
23) Sr. Doreen Mifsud (PHILIPPINES)
24) Ms. Miriam Bugeja (PAKISTAN)
25) Sr. Josephine Borg (PAKISTAN)
26) Ms. Josephine Buhagiar (S.AFRICA)
27) Sr. Mary Borg (ISRAEL)
28) Sr. Grazia Schembri (EGYPT)
29) Sr. Anne Catania (PHILIPPINES)
30) Sr. Carmen Sammut (ETHIOPIA)
31) Fr. Anthony Fenech (EGYPT)
32) Fr. Anthony Scerri (INDIA)
33) Fr. Joseph Cilia (INDIA)
34) Fr. Joseph Cremona (PHILIPPINES)
35) Sr. Dolores Gauci (PAKISTAN)
36) Sr. Rose Therese Sant (ISRAEL)
37) Sr. Theodorata Aquilina (BRAZIL)
38) Sr. Maria Micallef (BRAZIL)
39) Sr. Graziella Camilleri (CONGO)
40) A missionary (INDIA)
41) Sr. Helen Jones (EGYPT)

***Ingħataw 500 euro lil dawn is-saċerdoti missjunarji bħala donazzjoni għal quddies għal erwieħ tal-benefatturi tagħna u l-familjari tagħhom.***

| | |
|---|---|
| 1) Fr. Garvin Grech (BOLIVIA) | 9) Sr. Sandra Cassar (KENYA) - (*50th Anniversary*) |
| 2) Fr. Bernard Mallia (S.SUDAN) | 10) Fr. Joseph Galea (KENYA) |
| 3) Fr. Hilary Abela (KENYA) | 11) Fr. Ivan Attard (ALBANIA) |
| 4) Fr Alberto Gauci (HONDURAS) | 12) Fr. Joe Camilleri (GUATEMALA) |
| 5) Fr. Alex Cauchi (BRAZIL) | 13) Fr. Victor Livori (PERU`) |
| 6) Fr. Alfredo Mercieca (MALAWI) | 14) Fr. Emm. Parnis (PERU`) |
| 7) Fr. John Farrugia (PAKISTAN) | 15) Fr. Anthony Fenech (EGYPT) |
| 8) Fr. Richard Ebejer (NIGERIA) | 16) Fr. Joseph Cremona (PHILIPPINES) |

| | |
|---|---|
| Proġetti ta' l-Esperjenza Missjunarja sa Awwissu 2013 | €229,100 |
| Donazzjonijiet minn 01.01.2013 - 31.08.2013 | €156,930 |
| Donazzjonijiet minn 01.03.1984 - 31.12.2012 | €3,149,710 |
| Donazzjonijiet totali minn mindu twaqqfet il-Mission Fund | €3,535,740 |

**SKEMA SELF TA' FLUS:** Din hija skema fejn il-benefattur tagħna, minflok jagħtina donazzjoni, isellifna somma flus (€500 minimu), l-imgħax fuq dan id-depożitu, flok imur għand il-benefattur, jgħaddi lill-Mission Fund.

Is-somma depożitata dejjem tibqa' dritt tal-benefattur, tant, li meta wieħed jkollu bżonn il-flus, dan għandu jinfurmana ftit ġranet qabel biex ngħadduhom lura (bla imgħax). Aħna dejjem nagħtu rċevuta/dokument uffiċċjali. Bis-saħħa tal-benefatturi li qed jipparteċipaw f'din l-iskema, aħna għandna s-somma sabiħa ta' €52,750 li tirrendielna imgħax tajjeb, sabiex inkunu nistgħu ngħinu lill-missjunari tagħna. Kull min hu nteressat f'din l-opra sabiħa jew jixtieq ikun jaf iżjed dettalji, għandu jikkuntattjana. Grazzi.

IL-GARAXX SALE SER JERĠA JIBDA JKUN MIFTUĦ MILL-BIDU TA' OTTUBRU, KULL NHAR TA' TNEJN, L-ERBGĦA U L-ĦAMIS BEJN ID-09.30 - 12.30. F'GARAXX 'ST. JOSEPH' TRIQ IL-GUMMAR,B'KARA (ĦDEJN TAL-FORN).
ISSIBU MINN KOLLOX BI PREZZIJIET BAXXI ĦAFNA WAQT LI TKUNU QED TGĦINU LILL-MISSJUNARJI MALTIN.

# ATTIVITAJIET:

**1 TA' NOVEMBRU - BUFFET B'FAST - San Antonio Hotel, Qawra**

Nibdew b'quddiesa għall-erwieħ tal-benefatturi tagħna fid-09.15 li tkun iċċelebrata minn Fr. Karmenu Aquilina, OFM Cap. Wara l-quddiesa Buffet Breakfast u Tombola. Nispiċċaw fis-1.30 pm.
Prezz €10 biss. Trasport jista' jiġi provdut bi ħlas addizzjonali.

**17 TA' NOVEMBRU - TEA-TOMBOLA - Imperial Hotel, Sliema fit-15.30**

Biljetti jinkisbu mingħand diversi helpers tal-Mission Fund Tel. 21413664 kif ukoll mingħand Speranza Xuereb 21410860 / 79410860. Tħallux għall-aħħar biex ma' tkunux diżappuntati. Il-prezz huwa €7 bit-trasport u €5 bla trasport u jinkludi l-entratura u l-'High Tea' għal persuna waħda.It-tfal il-fuq minn 3 snin iridu jħallsu bħal kbar. Tfal bla biljetti ma jitħallewx jidħlu.

# MILL-KELMA TAL-PAPA FRANĠISKU

F'waħda mill-omeliji tiegħu, il-Papa Franġsiku jkellimna proprju fuq il-fatt li Ġesù mhux missjunarju li jaħdem għal rasu, imma jinvolvi lid-dixxipli tiegħu biex iwettaq il-mandat tiegħu. Fil-Vanġelu (Lq 10, 1-12, 17-20) naraw li barra mit-Tnax, Huwa jsejjaħ 72 oħra u jibgħathom tnejn tnejn fl-ibliet u l-irħula biex iħabbru li s-Saltna ta' Alla hi fil-qrib. Din hija ħaġa sabiħa ħafna! Ġesù ma jridx jaħdem waħdu, ġie biex iwassal l-imħabba ta' Alla lid-dinja u din l-imħabba jrid ixerridha bl-istil tal-komunjoni, bl-istil tal-fraternità. Għal dan il-għan jgħaqqad mill-ewwel komunità ta' dixxipli, li hija komunità missjunarja. U malajr jagħtihom l-esperjenza tal-missjoni, billi jibgħathom.

Imma noqogħdu attenti: l-iskop mhux li jsiru jafu lin-nies jew li jgħaddu l-ħin flimkien. L-iskop huwa li jħabbru s-Saltna ta' Alla, u dan b'urġenza! U anke llum din hija urġenza! M'hemmx żmien x'jinħela fit-tpaċpiċ, m'hemmx bżonn nistennew il-kunsens ta' kulħadd. Li hemm bżonn hu li nitilqu kollox u nħabbru lil kulħadd il-paċi ta' Kristu. U jekk din ma jaċċettawhiex, il-missjunarji għandu jibqa' miexi għal band'oħra. Lill-morda għandu jitwasslilhom il-fejqan, għax Alla jrid ifejjaq lill-bniedem minn kull deni. Kemm missjunarji jagħmluh dan! B'ħidmiethom jiżirgħu il-ħajja, is-saħħa, is-serħan fost l-aktar nies imwarrbin mid-dinja. Kemm hu sabiħ li kull wieħed u waħda minnhom ma jgħixux għalihom infushom, imma jgħixu biex imorru jagħmlu t-tajjeb! Illum nixtieq nistieden liż-żgħażagħ biex jaħsbu fuq dan u jsaqsu lilhom infushom: lili Ġesù qiegħed isejjaħli biex nitlaq u noħroġ minni nnifsi biex nagħmel it-tajjeb? Lilkom żgħażagħ, lilkom ġuvintur u tfajliet, nistaqsikom: intom kuraġġjużi biżżejjed għal dan? Għandkom biżżejjed kuraġġ biex tisimgħu il-leħen ta' Ġesù? Kemm hu sabiħ li tkun missjunarju! Hija ħaġa li timlik bil-ferħ!

Dawn it-72 dixxiplu li Ġesù jibgħat min huma? Lil min jirrappreżentaw? Jekk it-Tnax huma l-Appostli, u għalhekk jirrappreżentaw l-Isqfijiet, is-suċċesuri tagħhom, dawn it-72 jistgħu jirrappreżentaw il-ministri l-oħra kollha, is-saċerdoti u d-djakni. Imma f'sens aktar wiesgħa jistgħu jwassluna biex naħsbu fil-ministri l-oħra tal-Knisja, il-katekisti, il-laċi mpenjati fil-ħidma parrokkjali, dawk li jaħdmu mal-morda, inklużi dawk li huma vittmi ta' dwejjaq jew emarġinazzjoni. Dawn kollha huma missjunarji tal-Vanġelu, li jħabbru b'urġenza li s-Saltna hi fil-qrib. Kulħadd għandu jkun missjunarju, kulħadd jista' jisma' dik is-sejħa ta' Ġesù u jitlaq u jħabbar is-Saltna!

Jgħidilna l-Vanġelu li dawk it-72 ġew lura mimlijin ferħ, għax kellhom esperjenza tal-qawwa tal-Isem ta' Ġesù kontra l-ħażen. Dan Ġesù jikkonfermah: Hu jagħti lil dawn d-dixxipli l-qawwa li jirbħu l-ħażen. Imma jżid: "Tifirħux għax ix-xjaten joqogħdu għalikom; ifirħu għax isimkom hu miktub fis-smewwiet" (Lq 10, 20). M'għandniex niftaħru daqs li kieku aħna l-protagonisti: il-protagonist huwa wieħed waħdu, il-Mulej. Hu l-uniku protagonsita! U l-ferħ tagħna huwa biss li nkunu d-dixxipli tiegħu, ħbieb tiegħu. Ħa tgħinna l-Madonna biex inkunu lkoll ħaddiema tajbin għas-servizz tal-Vanġelu.

Għeżież ħbieb, tibżgħux tkunu ferħanin! Tibżgħux mill-ferħ, minn dak il-ferħ li jtina l-Mulej meta nħalluh jidħol fil-ħajja tagħna! Ejjew inħalluh jidħol f'ħajjitna u jistedinna noħorġu minna nfusna u mmorru fost dawk li jinsabu fil-periferiji tal-ħajja u nħabbrulhom l-Evanġelju. Tibżgħux mill-ferħ! Ferħ u kuraġġ!

*(Meħuda mill-omelija tal-Papa Franġisku)*

**WELCOME DRINK** &
*Olive Oil tasting on Maltese Ftira*
**M e n u:**

Caprese Salad
----o----
Baked Salmon / Pork with crackling or Roasted Chicken / Chicken Breast in Cream of Mushroom Sauce
----o----
Vegetables & Roasted Potatoes
----o----
Selection of Fruit Cups
----o----
Coffee with Almond Macaroons & Maltese Mqaret
*--o---*
Glass of Wine or Soft drink & Water

## IS-SIBT 28 TA' SETTEMBRU, 2013 - DINNER - Il-Wardija

Bil-parteċipazzjoni tas-soprana Stephanie De Giorgio Wismayer u l-ħbieb, akkumpanjati min Jacob Portelli fuq l-arpa u l-pjanu. Is-serata tibda fis-19.00 b'demostrazjoni tat-tagħsir tal-għeneb minn Sam Cremona u fit-20.00 tibda l'ikla. Biljetti jinkisbu mingħand il-Mission Fund Tel. 21413664 Mon - Fri 9am - 1pm kif ukoll mingħand Monica Micallef 27418140 / 79054425. Il-prezz huwa €30 - il persuna. Ejjew u ġiebu l-familjari u ħbieb! Ħafna rigali sbieħ x'jintrebħu! Tħallux għall-aħħar biex ma' tkunux diżappuntati.

---

**QUDDIESA GĦALL-ERWIEĦ TAL-BENEFATTURI TAGĦNA:** Nhar il-Ġimgħa 1 ta' Novembru, 2013 ser issir quddiesa oħra għall-erwieħ ta' l-għeżież mejtin tagħna, ġewwa San Antonio Hotel, Qawra fid-09.15, fil-bidu tal-attivita` tagħna ta' Buffet Breakfast.
Ser isiru quddies oħrajn b'suffraġġju għall-erwieħ ta' l-għeżież mejtin tal-membri u l-benefatturi tal-Mission Fund fil-knisja ta' San Franġisk fi Triq Villambrosa il-Ħamrun kull nhar l-ewwel Ħamis tax-xahar, filgħaxija.
Inwiegħdu lill-membri u lill-benefatturi tagħna li dawn jibqgħu dejjem f'qalbna u fit-talb tagħna kemm f'ħajjithom kif ukoll wara mewthom.
Kull min jixtieq jibgħat xi donazzjoni (minimum €5.00) għandu jimla l-formola t'hawn taħt flimkien ma' l-ismijiet tal-qraba mejtin u jibgħathilna. Dawn jiġu offruti fuq l-artal waqt il-quddies. Isir talb speċjali għal ruħhom, kemm fil-quddies li nagħmlu hawn Malta, kif ukoll f'dawk li jsiru għall-istess għan mill-missjunarji li intom stess qegħdin tgħinu fil-pajjiżi tal-missjoni.

------------------------------------------ aqta` hawn ------------------------------

**QUDDIESA GĦALL-ERWIEĦ TAL-BENEFATTURI TAGĦNA**

*Qiegħed nibgħat il-ħlas ta' € ____________ permezz ta' cheque jew money order pagabbli lill-MISSION FUND għal ruħ/erwieħ ta':*

______________________________________________

______________________________________________

ISEM: ______________________________________

INDIRIZZ: ___________________________________

______________________________ POST CODE: ______________